# PROFIL TA' *Tumas Dingli*

Tumas Dingli (1591–1666), arkitett inġinier ta' l-Ordni, twieled Ħ'Attard, imħarreġ tajjeb fil-matematika u l-arkitettura taħt Matteo Cogliturі, Gerolomo Cassar u Ġanni Attard, flimkien ma' l-arkitett Victor Cassar, bin l-imsemmi Arkitett Gerolomo, beda jaħdem il-fortizzi ta' madwar il-gżejjer ta' Malta u Għawdex. Fl-1630 bena l-bieb antik ta' Putirjal flok dak li kien hemm qabel dak li hemm illum, mibni fl-1853 u kien imżejjen b'żewġ statwi li jirrappreżentaw lill-Gran Mastru L'Isle Adam u La Valette tkissru fil-gwerra 1939–1945, xogħol ta' l-iskultur Salvu Dimech tal-Mosta. Tumas Dingli u Ġanni Attard issuktaw ix-xogħol ta' l-Akwedott mill-Fawwara għall-Belt, mibni minn Patri Tomasucci u mbagħad qata' qalbu. Meta minfloku ġie minn Bologna, Bontadino de Bontadini, dan l-Arkitett espert, approva l-pjan u d-disinn taż-żewġ arkitetti Maltin. Dan ix-xogħol, ordnat mill-Gran Mastru Wignacourt inbena fl-1610 u ntemm fl-1615, meta niżel l-ilma l-ewwel darba mill-għajn tal-Pjazza quddiem il-Palazz u dak in-nhar saret l-ikbar festa li qatt rat Malta. Fl-1639 ġie jżur il-fortifikazzjonijiet ta' Malta il-Markiż Giovanni dei Medici, u wara li għaraf il-ħila ta' Dingli offrielu jieħdu miegħu l-Italja, iżda billi Malta kellha bżonnu ma aċċettax it-talba. Opri arkittetoniċi ta' Tumas Dingli huma: Il-bieb il-qadim ta' Putirjal li nbena fl-1610, il-Palazz Arċiveskovili ordnat mill-Isqof Cagliares (1623), il-knejjes parrokkjali ta' Ħ'Attard (1613), tal-Għarghur (1610), ta' Ħaż-Żebbuġ u tan-Naxxar (1630), ta' Ħaż-Żabbar u tal-Gudja (1656) u dik tal-Mosta (1614). Il-faċċati ta' Ħaż-Żabbar u l-Gudja nbiddlu aktar tard.

**Bibljografija:**

*L'Arte*, 7.8.1865, n. 66, pp. 5-6; Sir T. Zammit, *Il-Gżejjer ta' Malta* op. cit. p. 63; J. Quentin Hughes. *The Building of Malta* pp. 208-209; *Almanacco Malta*, 1843, p. LXI; Pietru Pawl Castagna. *Storia di Malta*, parte III, p. 99; Stefano Zerafa, *Storia di Malta Artistica*, 1850; Kurunell Prof. Lorenzo Manchè. *Il-Ħabib* 17.4.1917. John Bezzina. *Storja*, f'L-Orizzont, 20.11.1962, p. 7; Ġużè Dimech Debono, *Deskrizzjoni Storika ta' Birkirkara* fir-Rivista San Ġużepp, 1936.

*Mario Gatt*

Nieħu l-okkażjoni biex pubblikament nirringrazzja lill-Perit Carmel Ellul, A &C.E. tal-pariri siewja tiegħu kemm għar-restawr tal-koppla, kif ukoll fix-xogħolijiet kollha li wettaqna fil-parroċċa li ħafna drabi kienu jinkludu tħejjija ta' pjanti u permessi.
Dan kollu jagħmlu bla-ħlas. Ta' dan nirringrazzjawh ilkoll.

*Dun Evan Caruana*



**RIXU GARAGE**
MOTORING SCHOOL
CANNON ROAD, ST. VENERA
TEL: 449286
MOBILE: 099 3054

*PROPRIETOR*
**RITCHIE ATTARD**
*Open 7.30 p.m.*
*When closed apply*
*103A, Victory Street, Ħamrun*